MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 632/2008

**Emanuela Sant**
**-vs-**
**Joseph Cutajar**
**Mary maghrufa bhala Miriam Cutajar**
**Daniel Cutajar**

**Il-Qorti**

Rat r-rikors guramentat ta’ Emanuela Sant fejn ippremettiet:

Illi l-attrici kienet selfet ‘*brevi manu’* lill-konvenuti s-somma ta’ sitt elef lira Maltin (LM6000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf disa’ mija u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) u dana sabiex jithallas parti mill-prezz ghax-xiri ta’ vettura mill-konvenuti tat-tip Honda S2000 bin-numru ta’ registrazzjoni NIC 819, li hija registrata ma’ l-awtoritajiet f’isem Joseph Cutajar ;

Illi fil-fatt il-konvenut Joseph Cutajar kien xtara u akkwista dina l-vettura permezz ta’ skrittura privata, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, versu l-prezz ta’ LM12,000 (tnax-il elf lira Maltin) ekwivalenti ghal seba’ u ghoxrin elf disa’ mija u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€27,952.48) ;

Illi parti mill-prezz ta’ dina l-vettura thallas permezz tas-self ‘*brevi manu’* maghmul mill-attrici lill-konvenuti fis-somma ta’ sitt elef lira Maltin (LM6000) ekwivalenti ghal tlettax-il elf disa’ mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) u fil-fatt dina s-somma thallset direttament mill-attrici lill-venditur tal-vettura msemmija u dana kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u markati bhala  Dokument C ;

Illi mill-ammont hekk misluf mill-attrici lill-konvenuti ma gie rifjuz xejn u ghaldaqstant il-konvenuti llum jinsabu debituri lejn l-attrici fis-somma ta’ tlettax-il elf disa’ mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef lira Maltin (LM6000) rapprezentanti l-ammont misluf *‘brevi manu’* mill-attrici lill-konvenuti ;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu pero’ dawn baqghu inadempjenti ;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attrici l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu ;

Ghaldaqstant jghidu l-konvneuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex tiddeciedi billi :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici s-somma ta’ tlettaz-il elf disa’ mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24)

ewkivalenti ghal sitt elef lira Maltin (LM6000) rapprezentanti l-ammont misluf 'brevi manu' mill-attrici lill-konvenuti, bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, prezentati kontestwalment, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' l-intimati tal-21 ta' Novembru 2008;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi fuq ammissjoni ta' l-intimati
Li tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------